# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Novembru, 2017.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 48/2016**

**George Tabone (detentur tal-karta tal-identita` numru 480959 M)**

***Gram Collections Limited***
**(C – 43590);**

***Gram Jewellers Limited***
**(C – 14377);**

***Gram Holdings Limited***
**(C – 28347)**

**vs.**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat iz-19 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fis-7 ta' Novembru, 2012, ir-rikorrenti Tabone gie akkuzat f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjetajiet fuq indikati fl-okkju ta' din il-procedura li laqa' ghandu jew li xtara gojjellerija misruqa;

1.2. Illi fl-20 ta' Frar, 2013, l-istess rikorrenti Tabone tressaq b'citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fejn wiegeb li mhux hati;

1.3. Illi fis-26 ta' Frar, 2013, l-intimat ipprezenta rikors b'urgenza quddiem il-Qorti Kriminali *stante* li skont hu, naqas li jitlob l-iffrizar tal-proprjeta` tar-rikorrenti Tabone *ai termini* tal-artiklu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 373), liema artiklu kien applikabbli bis-sahha tal-artiklu 23 tal-Kap 9 tal-istess Ligijiet, (minn issa 'l quddiem Kap 9);

1.4. Illi permezz tad-digriet taghha datat l-1 ta' Marzu, 2013, l-istess Qorti Kriminali laqghet it-talba tal-Avukat Generali u ordnat is-sekwestru generali tal-flejjes u tal-proprjeta` mobbli kollha dovuti jew li jmissu lir-rikorrenti kollha fuq indikati jew li jkunu proprjeta` taghhom, u pprojbiet lill-istess milli jittrasferixxu, jaghtu b'rahan, jipotekaw jew b'xi mod jiddisponu minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli *ai termini* tal-artiklu 5 tal-imsemmi Kap 373;

1.5. Illi fis-6 ta' Marzu, 2013, ir-rikorrenti fuq indikati talbu r-revoka tal-imsemmi ordni tal-iffrizar, fosthom ghaliex:

1.5.1. Il-qorti Kriminali ma kienitx il-qorti kompetenti biex taghti l-istess ordni;

1.5.2. It-talba tal-Avukat Generali kienet intempestiva; u

1.5.3. Ma kien hemm ebda ness ippruvat bejn ir-reat u s-socjetajiet rikorrenti;

1.6. Illi fit-13 ta' Marzu, 2013, il-Qorti Kriminali rrespingiet din it-talba tar-rikorrenti;

1.7. Illi fl-14 t'Ottubru, 2015, ir-rikorrenti Tabone gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u b'hekk il-Qorti tal-Magistrati:

1.7.1. Illiberat lill-imputat Tabone minn kull akkuza imressqa kontra tieghu;

1.7.2. Ordnat it-thassir ta' kull ordni maghmul taht l-artiklu 23A tal-Kap 9;

1.7.3. Ordnat il-kancellament tal-imsemmi ordni;

1.7.4. Ordnat ukoll li l-ordni ta' kancellament jigi ipubblikat appena s-sentenza tghaddi *in gudikat*;

1.8. Illi fit-30 t'Ottubru, 2015, is-sentenza *de quo* giet appellata mill-Avukat Generali;

1.9. Illi ghalhekk, l-ordni tal-iffrizar *de quo* ghadu fis-sehh;

1.10. Illi rizultat tal-istess:

1.10.1. L-ebda wahda mis-socjetatjiet rikorrenti ma tista' tezercita n-negozju;

1.10.2. Ir-rikorrenti gie sfurzat jiehu biss paga minima mis-socjetajiet tieghu biex jghix hu u l-familja tieghu;

1.10.3. Illi din il-paga hi l-uniku mezz ta' dhul tal-imsemmija familja;

1.10.4. Illi billi gie iffrizat in-negozju tat-tliet (3) socjetajiet rikorrenti, r-rikorrenti Tabone tpogga f'sitwazzjoni fejn ma jista' jiehu l-ebda paga minn l-ebda socjeta`;

1.10.5. Illi flejjes dovuti mir-rikorrenti lil socjetajiet ohra, bhal kumpaniji tar-reklamar; banek; u awtoritajiet, ma jistghux jithallsu minnhom;

1.10.6. Illi ghalhekk dawn is-socjetajiet qed ifittxuh ghas-somom dovuti u ghall-interessi relattivi;

1.10.7. Illi rizultat tal-ordni *de quo* ir-rikorrenti sabu ruhhom fl-impossibilita` li jonoraw l-obbligi taghhom;

1.10.8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti Tabone u l-familja tieghu jsosstnu li qed jghixu fil-mizerja;

1.10.9. Illi *di piu`*, rizultat tal-istess, jista wkoll jehel il-habs talli ma hallasx lill-awtoritajiet;

1.10.10. Illi ghalhekk l-ordni tal-ifrizar fuq riferit hu wiehed sproporzjonat;

1.10.11. Illi dan ikkaguna inkwiet, *stress* u tensjoni lir-rikorrenti Tabone;

1.10.12. Illi l-ordni in dizamina hu sproporzjonat ghaliex ma kienx limitat ghall-ammont li allegatament ir-rikorrenti avvantaggaw ruhhom minnu bl-allegata kommissjoni tar-reati imputati lilhu;

1.10.13. Illi l-ordni ta' infurzar in dizamina inhareg tmint (8) ijiem wara li r-rikorrenti Tabone tressaq il-qorti u allura, kieku kellu x'jahbi kellu kull opportunita` li jaghmel dan – haga li m'ghamilix;

1.11. Illi konsegwentement, l-imsemmi ordni t'infurzar jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti:

1.11.1. Ghad-dgawdija tal-proprjeta` taht l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni), billi cahhadhom min-negozju taghhom;

1.11.2. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.11.2.i. Tiddikjara li l-ordni tal-iffrizar fuq riferit jilledi d-drittijiet ghad-dgawdija tal-proprjeta` tar-rikorrenti taht:

1.11.2.a. L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni; u

1.11.2.b. L-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

1.11.2.ii. Tirrevoka l-istess ordni fil-konfront tar-rikorrenti kollha;

1.11.2.iii. Illi fin-nuqqas, tordna li l-istess ordni tal-iffrizar jigi limitat ghall-valur tal-allegat reat;

1.11.2.iv. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.11.2.v. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

1.11.2.vi. Taghti kull provediment iehor li jidhrilha xieraq;

2. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta datata l-25 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha l-intimat fuq indikat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 12):

3.1. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi preliminarjament isosstni sintetikament is-segwenti:

3.2.1. Ir-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali;

3.2.2. Illi r-rikorrenti qed juzaw procedura straordinarja meta ghandhom rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni taghhom;

3.2.3. Illi difatti l-istess rikorrenti gia` irrikorrew ghalih fil-proceduri kriminali involuti, izda t-talba mressqa kienet respinta;

3.2.4. Illi rizultat ta' dan, il-procedura odjerna ma tistax tigi uzata bhala forma t'appell mid-decizjonijiet tal-qrati kriminali;

3.2.5. Illi ghalhekk, din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha fir-rigward;

3.3. Illi fil-mertu isosstni sintetikament is-segwenti:

3.3.1. Illi l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni reklamat mir-rikorrenti jipprovdi li jista' jkun hemm kontroll tal-uzu tad-dritt tad-dgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku;

3.3.2. Illi hu pacifiku li azzjoni intiza biex jitwaqqaf reat kriminali milli jsehh jew jitkompla hu fl-interess pubbliku;

3.3.3. Illi r-rikorrenti m'huma jitilfu xejn mill-assi taghhom;

3.3.4. Illi rigward il-valur tal-immobbli hu risaput li dan dejjem tiela;

3.3.5. Illi r-reat li bih hu rinfaccat ir-rikorrenti Tabone hu wiehed serju u l-ordni konsegwenti ghall-istess hi mizura provizorju ta' kontroll ta' proprjeta` li tizgura li din ma tigix akkwistata b'attivita` illecita ghad-detriment tal-komunita`;

3.3.6. Illi *di piu`*, f'kaz ta' htija, din tigi konfiskata;

3.3.7. Illi ghalhekk tali iffrizar isir fl-interess generali biex ma jittiehed l-ebda beneficcju minn attivita` kriminali;

3.3.8. Illi tali ordni t'iffrizar jibqa` fis-sehh sakemm ikun hemm decizjoni li tkun ikkunsidrata *res judicata*;

3.3.9. Illi l-appell intavolat mill-intimat wara s-sentenza in prim'istanza hu espressjoni tad-dover tal-istess intimat fil-konfront tal-ligi u tal-komunita`;

3.3.10. Illi *stante* li l-procedura in dizamina ghadha m'ghaddietx in gudikat, allura r-rikorrenti ma jistghux jilmentaw mill-fatt li l-ordni ta' iffrizar ghadu fis-sehh;

3.3.11. Illi l-istess ordni inhareg skont il-ligi u ghal ghan legittimu;

3.3.12. Illi r-rikorrenti m'huma jbaghtu l-ebda piz eccessiv jew sproporzjonat;

3.3.13. Illi ghal dak li jirrigwarda l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni, jinghad li dan l-artiklu ma japplikax, *stante* li biex japplika jrid ikun hemm:

3.3.13.i. Tehid totali ta' proprjeta` minghajr kumpens;

3.3.13.ii. F'kaz t'iffrizar ta' assi hemm biss kontroll ta' uzu ta' proprjeta`, mhux tehid tal-istess;

3.3.14. Illi ghalhekk l-artikli fuq indikati tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ma jipprotegux id-dritt tal-godiment pacifiku tal-proprjeta` minghajr restrizzjoni ta' xejn;

3.3.15. Illi l-imsemmija artikli t-tnejn jelenkaw restrizzjonijiet fuq dan id-dritt;

3.3.16. Illi l-iskop wara l-ligi tal-iffrizar tal-assi hi intiza biex tipprotegi l-interess generali billi tassigura li flus

derivanti minn reati ma jintuzawx ghal beneficcju ta' minn jikkommetti l-istess reati;

3.3.17. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda lezjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

3.3.18. Illi b'hekk din il-qorti ghandha tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

3.3.19. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.3.20. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu, wara dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li kienu ikkonkludew il-gbir tal-provi, talbu li jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 76);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-23 ta' Marzu, 2017, (ara foll 89), flimkien ma dik tal-intimat datata z-19 t'April, 2017, (ara foll 100);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi fit-8 t'Awwissu, 2011, il-Pulizija irceviet rapport li kienet saret serqa minn hanut tad-deheb sitwat fi Triq in-Nofsinhar, il-Belt, (ara foll 73);

9.2. Illi fl-imsemmija serqa kien allegat li insteraq il-valur ta' madwar nofs miljun euro, (€500,000.00), f'deheb u brillanti, (ara foll 73);

9.3. Illi waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija fir-rigward tas-serqa in dizamina irrizulta li wiehed mill-malfatturi involuti kien informa lill-Pulizija li hu u ibnu kien “biegh” l-oggetti hekk minnhom misruqa lir-rikorrenti, (ara foll 73);

9.4. Illi fis-7 ta’ Novembru, 2012, ir-rikorrenti kien akkuzat bir-reat ta’ ricettazzjoni, (ara foll 75);

9.5. Illi fis-26 ta’ Frar, 2013, l-Avukat Generali intavola rikors fejn talab lill-qorti tordna hrug ta’ sekwestru *ai termini* tal-artiklu 5(1)(a) tal-Kap 373 tal-beni tieghu u tas-socjetajiet li fihom hu involut, (ara foll 78);

9.6. Illi, wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza, bid-digriet taghha datat l-1 ta’ Marzu, 2013, il-qorti kolpita bl-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti laqghet it-talba *de quo* u ghar-ragunijiet hemm espressi ordnat l-iffrizar tal-assi tar-rikorrenti odjern, (ara foll 80);

9.7. Illi permezz ta’ rikors datat is-6 ta’ Marzu, 2013, l-istess rikorrenti Tabone hemm akkuzat flimkien mas-socjetajiet in dizamina, intavolaw rikors li permezz tieghu talbu r-revoka tal-ordni ta’ iffrizar tal-assi taghhom fuq indikat, (ara foll 84);

9.8. Illi r-rikors ghar-revoka indikat fil-paragrafu precedenti kien revokat permezz tad-digriet tal-qorti fuq indikata datat it-13 ta’ Marzu, 2013, (ara foll 87);

9.9. Illi fl-14 t’Ottubru, 2015, ir-rikorrenti Tabone gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu, (ara foll 2);

9.10. Illi fit-30 t’Ottubru, 2015, l-Avukat Generali intavola appell mill-imsemmija sentenza, liema appell ghadu pendenti, (ara foll 2);

9.11. Illi konsegwenza tal-istess appell indikat fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li l-ordni ta’ iffrizar tal-assi tar-rikorrenti odjerni mahrug mill-Qorti Kriminali fl-1 ta’ Marzu, 2013, ghadu *in vigore*, (ara foll 80 u 87);

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tal-ezistenza tal-imsemmi ordni t'iffrizar tal-assi tar-rikorrenti, qed jigi sostenut li gew lezi ghalhekk id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghad-dgawdija pacifika tal-proprjeta` kif sancit mill-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-artiklu1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

11. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament isosstni li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat li **r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji** ghad-disposizzjoni taghhom jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li kien hemm evoluzzjoni sinifikanti fil-gurisprudenza;

12.2. Illi ***qabel*** is-sentenza tal-***Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem***, (minn issa 'l quddiem il-***Qorti ta' Strasburgu***), fl-ismijiet ***Brincat u Ohrajn vs. Malta***, ***(Numru 60908/11 u 4 ohra)*** datata l-***24 ta' Lulju, 2014***, il-qrati lokali kienu jsosstnu li r-rimedju kostituzzjonali kien rimedju ta' natura straordinarja li ghandu jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tirrizultax li kienet bizzejjed biex tittultela d-drittijiet fundamentali tal-lanjant ikkoncernat;

12.3. Illi ***wara*** s-sentenza citata fil-paragrafu precedenti il-posizzjoni fir-rigward inbidlet radikalment *stante* li fuq l-iskorta ta' din l-imsemmija sentenza tal-***Qorti ta' Strasburgu*** din issa irrespingiet tali direzzjoni kif indikata fl-istess paragrafu precedenti billi kkunsidrat minflok li bis-sottomissjoni ta' procedura wahda – dik kostituzzjonali – minflok tnejn – dik ordinarja u sussegwentement dik kostituzzjonali – jigi servut il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju gialadarba fl-istess

procedura kostituzzjonali tinghata l-firxa shiha u ampja tar-rimedji possibbli fl-istess;

12.4. Illi minn din id-decizjoni tal-***Qorti ta' Strasburgu*** tal-***24 ta' Lulju, 2014***, 'l quddiem ghalhekk il-qrati lokali allinejaw ruhhom ma din id-direzzjoni hekk moghtija;

12.5. Illi *di piu`*, issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet *George Spiteri* ***vs. Policy Manager*** tal-*Malta Shipyards fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni nomine*, datata s-*27 ta' Marzu, 2015*, li f'dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

> "...tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza msemmija ta' ***Brincat and Others vs. Malta*** din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw ma hux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghet taghhom kif previst fl-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-disposizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti; u

12.6. Illi fid-dawl tas-suespost jirrizulta pacifiku li l-eccezzjoni preliminari in dizamina m'ghadiex aktar ta' min jipprezentha u qeghda ghalhekk ukoll tigi respinta;

12.7. Illi konsegwentement, tiddikjara li qeghda ghalhekk ukoll tezercita s-setghet kostituzzjonali lilha koncessi *ai termini* tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni flimkien mal-kundizzjoni imposta ghall-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi ghal dak li jirrigwarda l-**meritu** tal-procedura odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi l-ordni tal-iffrizar tal-assi meritu tal-procedura odjerna inhareg taht l-awtorita` tal-Qorti Kriminali, (ara foll 80);

13.2. Illi l-istess ordni inhareg a bazi tal-artiklu 23A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 9), li jistipula s-segwenti:

> "Meta persuna tigi akkuzata b'reat rilevanti, ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att u l-istess dispozizzjonijiet ghandhom japplikaw ghal kull ordni li ssir mill-Qorti bis-sahha ta' dan l-artikolu bhallikieku din kienet ordni maghmula mill-Qorti taht l-imsemmi artikolu 5 tal-Att";

13.3. Illi jirrizulta li r-rikorrenti Tabone gie akkuzat li xtara oggetti misruqa, (ara foll 73);

13.4. Illi dan ir-reat ta' ricettazzjoni hu ikkonsidrat bhala reat rilevanti *ai termini* tal-artiklu 23A (2) tal-Kap 9 fuq citat;

13.5. Illi jigi sottolineat ukoll li tali talba biex jinhareg ordni ta' iffrizar ma tiddependix mill-uzu tad-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni izda hi procedura tassattivament imposta fuqha *ex lege* skont l-istess artiklu 23A tal-Kap 9;

13.6. Illi jirrizulta wkoll li tali procedura hekk inizjata mill-prosekuzzjoni tirrizulta li ittiehdet ghal ghan legittimu u fl-interess generali;

13.7. Illi jirrizulta wkoll assodat dak allegat mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-ligi tal-iffrizar tal-assi hi intiza biex tipprotegi l-interess generali biex tizgura li flus derivanti minn attivitajiet illeciti u reati ma jigux impjegati biex jissodisfaw debitu tal-akkuzati u b'hekk ghall-beneficcju tal-istess akkuzati, (ara foll 103);

13.8. Illi minn ezami tal-atti kollha in dizamina din il-qorti hi bhal *del resto* ma kienet il-Qorti Kriminali li hargitu, sodisfatta li l-ghan li ghalih intalab l-ordni ta' iffrizar li minnu jilmenta r-rikorrenti kien proprju ghal dawn l-ghanijiet indikati fil-paragrafu precedenti u mhux biex jippersegwita lir-rikorrenti Tabone u lill-familjari tieghu kif allegat;

13.9. Illi ghandu jkun pacifiku li gialadarba tali ordni inhareg b'mod legittimu, dan jibqa` operattiv pendenti l-proceduri kollha sa ma s-sentenza involuta tghaddi in gudikat;

13.10. Illi fil-prezent dawn il-proceduri inizzjati fil-konfront tar-rikorrenti Tabone jirrizultaw li ghadhom pendenti *stante* li l-procedura in dizamina hi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

13.11. Illi din il-posizzjoni tirrizulta li hi l-posizzjoni valida u legittima *stante* li fil-kaz ta' ribaltament tal-ewwel sentenza, allura jibqa' jkun hemm il-possibilita` ta' konfiska tal-assi maqbuda permezz tal-ordni ta' iffrizar involut;

13.12. Illi konsegwentement, il-hrug u z-zamma tal-ordni tal-iffrizar in dizamina huma t-tnejn legittimi *stante* li inhargu skont id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi biex kemm- il darba jirrizulta li l-proprjeta` in kwistjoni kienet akkwistata b'attivita` illecita din tigi konfiskata fl-interess tal-kollettivita`;

13.13. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***Premier Leasing and Investments Company Limited vs.*** **L-Avukat Generali *et***, datata s-**6 ta' Frar, 2015**, li osservat li:

> "...huwa fl-interess tas-socjeta` in generali li l-ordni tal-iffrizar tal-assi tinghata u tigi applikata sabiex b'dan il-mezz provvizorju u kawtelatorju jigi zgurat il-proprjeta` akkwistata b'attivita` kriminali li hija ta' detriment kbir ghas-socjeta` tigi konfiskata f'kaz ta' sejbien ta' htija;"

Ikkunsidrat:

14.0. Illi sorvolat is-suespost, jigu issa sintetikament indirizzati s-segwenti:

14.1. L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar 'l quddiem); u

14.2. L-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin, (21.), aktar 'l quddiem);

## A. L-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni:

15. Illi dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

> "1. Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist;
>
> "2. Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta` ...
>
> "bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta' ksur tal-ligi, sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kriminali;
>
> "fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati";

16. Illi ordni ta' iffrizar tal-assi bhal dak in dizamina necessarjament jimporta l-kontroll tal-uzu ta' proprjeta` u johodha minn idejn is-sid tal-istess proprjeta`;

17. Illi ghandu jkun pacifiku li l-artiklu 37 in dizamina jittratta t-tehid ta' proprjeta` minghajr kumpens;

18. Illi *di piu`*, ordni ta' iffrizar jinhareg fuq suspett ragonevoli li l-provenjenza u l-uzu tal-istess proprjeta` gejja minn attivita` kriminali li tattira l-istess rispons fl-interess tal-kollettivita`;

19. Illi ghandu jkun pacifiku wkoll li ordni ta' iffrizar ifisser "kontroll" tal-proprjeta` kolpita u mhux "deprivazzjoni totali" tal-istess;

20. Illi ghalhekk ghandu jigi sottolineat li l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghas-sitwazzjoni in dizamina;

Ikkunsidrat:

**B. L-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:**

21. Illi dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara ghall-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali;

> "Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni";

22.0. Illi l-imsemmi artiklu allura jikkonsisti fi tliet (3) binarji senjatament:

22.1. Id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti;

22.2. Li persuna tista tigi mcahhda mill-istess possedimenti taghha fl-interess pubbliku u suggetta ghall-kundizzjonijiet li tipprovdi l-ligi;

22.3. Li l-iStat ghandu dritt jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` skont l-interess generali, jew biex jiggarantixxi l-hlas ta' taxxi, jew kontribuzzjonijiet, jew pieni;

22.4. Illi kif ritenut mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili* (Sede Kostituzzjonali)** fil-kawza fl-ismijiet ***Premier Leasing Investments Company Limited vs.* L-Avukat Generali et**, riprodotta mill-**Qorti Kostituzzjonali** fis-sentenza in appell mill-istess datata s-**6 ta' Frar, 2015**, fuq gia` riferita, (ara paragrafu numru tlettax punt tlettax, (13.13.), aktar qabel);

"Hu maghruf li:-

> "any interference must achieve ***a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights***. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 as a whole, including the second paragraph: there must therefore be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued" (***C.M. vs France*** deciza fis-**26 ta' Gunju 2001 – 28078/95**)";

22.5. Illi l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti tkompli temfasizza li: u

> "In such circumstances the Court finds that the confiscation pursued a legitimate aim in the general interest, namely it sought to ensure that the use of the property in question did not procure for the applicant pecuniary advantage to the detriment of the community" (see Raimondo, cited above, §30" (**Silickiene vs. Lithuania**).

> "Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza **C.M. vs. France** (**28078/95**) tas-**26 ta' Gunju 2001**, fejn il-**Qorti Ewropea** kkonkludiet li l-fatt li t-terz in *bona fide* kellu mezz kif jikkontesta konfiska, fih innifsu jissodisfa t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll";

Ikkunsidrat:

23. Illi ghalhekk jigi sottolineat li l-ordni ta' infurzar li minnu jilmenta r-rikorrenti jirrizulta effettivament kontemplat mill-ligi u l-ghan tieghu hu dak li jissalvagwarda l-interess pubbliku billi ma jippermettix lil min qieghed jiggwadanja tramite l-kommissjoni ta' reati;

24. Illi jirrizulta li sallum il-kaz inizjat kontra r-rikorrenti odjern Tabone ghadu pendenti;

25. Illi ghalhekk ghad hemm il-possibilita` li l-istess rikorrenti Tabone jista' jinstab hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

26. Illi allura, f'tali eventwalita`, dan necessarjament iwassal ghall-konfiska tal-assi li s'issa ghadhom legittimament u regolarment iffrizati *stante* li ghalhekk ikun jirrizulta li kienu gew akkwistati b'reat;

27. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li tali procedura hi purament intiza mhux li tghakkes inutilment lil min ikun kolpit biha, izda li ma tippermettix lil min jaghmel gwadann tramite reati;

28. Illi ghalhekk il-Qorti Kriminali li awtorizzat il-hrug tal-ordni in dizamina kienet gustifikata li tagixxi b'dan il-mod;

29. Illi in vista tal-premess jinghad li ma jirrizultax, li kien hemm lezjoni tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll fil-konfront tar-rikorrenti *stante* li l-hrug tal-istess ordni kien gustifikat fl-interess generali;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li fil-mertu r-rikorrenti ma ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti fuq indikati;

30.2. Tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

30.3. Takkolji r-risposti kollha tal-intimat rigwardanti l-mertu tal-procedura odjerna;

30.4. Bl-ispejjez jinqasmu bil-mod segwenti:

30.4.1. L-intimat ihallas ghall-parti minn hamsa, (1/5); u

30.4.2. Ir-rikorrenti ihallsu *in solidum* ghall-erba' partijiet minn hamsa, (4/5).

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**